MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 530/2015

**Fl-atti tal-kawza bin-numru 457/13 wara**

**l-mandat ta’ sekwestru bin-numru 701/13**

**fl-ismijiet:**

**Claude Zammit (186776 M), Justin Zammit**

**(572578 M) u Andrew Zammit (915151 M)**

**vs.**

**Saviour Micallef (333765 M), Herman Sant**

**(439971 M), Joan Mizzi bhala eredi ta’**

**Alfred Mizzi (536357 M), Clint Galea (377582 M)**

**u Topfresh Trading Limited (C- 43592)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat il-2 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu ir-rikorrenti Clint Galea sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi fl-10 ta' Mejju, 2013, gie pprezentat rikors ghal sekwestru kawtelatorju fl-ammont ta' hdax -il elf Ewro, (€11,000.00), li ghadu *in vigore*;

1.2. Illi r-rikorrenti odjern hu proprjetarju tal-fondi minnhu indikati fl-istess rikors tieghu fuq indikat, (ara foll 1);

1.3. Illi l-istess rikorrenti ghandu l-pjanijiet li jirregistra ipoteki specjali fuq il-proprjetajiet minnu hemm riferiti favur Claude, Justin u Andrew Zammit *in solidum*, bhala garanzija ghall-pretenzjonijiet taghhom;

1.4. Illi tali ipoteki jmorru oltre l-valur indikat aktar qabel;

1.5. Illi ghalhekk ikunu sodisfatti r-rekwiziti ta' l-artiklu 836(1)(C) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.6. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti Galea adixxa din il-qorti biex din:

1.6.1. Tirrevoka s-sekwestru 701/13 fuq riferit fil-konfront tieghu;

1.6.2. Salv kwalsiasi provediment li l-qorti jidhrilha xieraq;

2.0. Rat ir-risposta ta’ Claude, Justin u Andrew Zammit datata t-23 ta’ Gunju, 2015, li sintetikament esponew is-segwenti:

2.1. Illi jopponu ghar-rikors *de quo*;

2.2. Illi l-bazi tar-rikors promotur hi biss supposizzjoni;

2.3. Illi *di piu`*, il-valur indikat mir-rikorrenti Galea hu wiehed ezagerat u ma jirriflettix il-prezzijiet tas-suq;

2.4. Illi *di piu`*, ir-rikors in dizamina hu biss semplici intenzjoni li jigu skritti l-ipoteki riferiti mir-rikorrenti u xejn aktar;

2.5. Illi ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

3. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti;

Ikkunsidrat:

5. Illi in effetti ir-rikors promotur hu ibbazat esklussivament fuq ipotesi unilaterali li minnha infisha ma toffrix il-garanzjiji statutorji necessarji;

6.0. Illi konsegwentement kieku ghal grazzja ta' l-argument kellhom jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrenti il-posizzjoni ta' l-intimati odjerni Zammit xorta ma tkunx tutelata skont il-ligi:

6.1. Kemm ghaliex l-ipoteki in dizamina jiddependu biss mill-volonta` tar-rikorrenti u,

6.2. Kemm ghaliex il-valur indikat hu wiehed soggettiv li mhux bilfors jirrifletti l-ammonti reali rikjamati mill-imsemmija intimati odjerni;

**DECIDE:**

7.0. Illi in vista tal-premess tqis li r-rikorrenti Galea ma irnexxilux jipprova t-talbiet tieghu u filwaqt li:

7.1. Takkolji r-risposta ta' l-intimati odjerni Zammit;

7.2. Tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti Galea;

7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat Clint Galea.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------